MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 2332/2000/1

**A**

**vs.**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta’ Ottubru 2000 (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi, l-partijiet izzewgu b’mod civili fit- *omissis* skond l-anness certifikat (Dok.”A”);

Illi, l-kunsens tal-konvenuta huwa vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obblizzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg;

Illi, l-kunsens ta’ l-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozitiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi, il-konvenuta ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-30 ta’ Settembru, 1990, huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi *a tenur* ta’ l-**Att taz-Zwieg Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** kif sussegwentement emendat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u fol. 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta B datata 23 ta’ Mejju, 2001 fejn eccepit bir-rispett:-

1. Illi, id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi z-zwieg tal-kontendenti tat-*omissis* huwa null ghar-ragunijiet imputtabli lill-attur minhabba nuqqas serju ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essensajli taghha u cioe’ illi l-attur fil-gurnata li ta’ l-kunsens tieghu ghaz-zwieg qatt ma accetta illi z-zwieg ghandu jkun monogamu w indissolubbli u dan *stante* illi huwa ghandu relazzjoni *extra* maritali ma’ certu C liema relazzjoni illa tissussisti qabel is-separazzjoni tieghu minn ma’ martu liema fatt jista’ jigi kkonfermat kemm minn hbieb tal-kontendenti kif ukoll minn persuni estraneji;

2. Illi, barra minn hekk l-attur mill-bidu taz-zwieg aggixxa bl-iktar mod irresponsabli fis-sens illi ma' irrealizax illi l-attivitajiet tieghu fil-hin liberu tieghu dejjem beghduh minn darhom u mill-prezenza tieghu fl-istess dar fl-interess tal-familja;

3. Illi, il-konvenuta b'kontrotalba qed titlob l-annulamment taz-zwieg taghha mhux ghar-ragunijiet imputabbli lilha imma ghar-ragunijiet imputabbli ghall-zewgha li qatt ma assuma d-dmirijiet u obbligi taz-zwieg kif fuq spjegat;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol.14 tal-process.

Rat **il-kontro talba** tal-konvenuta ghat-talba tal-attur datata 23 ta' Mejju, 2001 a fol.15 tal-process, fejn esponit bir-rispett:-

Illi, il-partijiet izzewgu b'mod religjuz fit-*omissis* skond l-anness certifikat (Dok. "A");

Illi, il-kunsens tal-attur rikonvenzjonat kien ivvizjat b'difett sejru ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghall-attur li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg u dan *stante* li huwa ghandu relazzjoni *extra* maritali ma' certu C liema relazzjoni *extra* maritali kienet tissusisti qabel is-separazzjoni taghhom u bdiet bl-iskuza tad-doveri religjuzi taghhom;

Illi, il-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozitiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi, l-attur ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan *stante* li huwa ma jemminx fl-indissolubilita' u l-monogamita taz-zwieg;

Illi, l-istess konvenuta talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet esposti:-

1. Tiddecidi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tat-*omissis*, huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi *a tenur* ta' l-**Att taz-Zwieg Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta** kif sussegwentement emendat;

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvezjonat ingunt bis-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta datata 23 ta' Mejju 2001 a fol. 17 tal-process.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet prezentata mill-attur rikonvenzjonat fit-8 ta' Gunju, 2001 fejn ecepixxa bir-rispett:-

(1) Illi l-eccipjent jaqbel li z-zwieg tal-kontendenti huwa null pero' ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta kif spjegat fic-citazzjoni u kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(2) Illi ghalhekk l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandha tbatihom il-konvenuta;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur rikonvenzjonat u l-lista tax-xhieda a fol.19 u fol.20.

Rat il-verbal tal-14 ta' Gunju, 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Peter Caruana Galizia biex jigbor il-provi u jirrelata.

Rat il-verbal datat 20 ta' Novembru, 2001, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jigu migbura b'mod regolari.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 15 ta' April, 2002 li permezz tieghu l-Qorti ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment persjeduta ghas-16 ta' Ottubru, 2002.

Rat in-nota ta’ B datata 18 ta’ April, 2002, li permezz taghha esibiet l-affidavit taghha.

Rat in-nota ta’ B datata 17 ta’ Lulju, 2002, li permezz taghha esibiet l-affidavits ta’ D, E, F, G, H, I, J, K, L u M.

Rat ir-rikors ta’ l-attur A, datat 12 ta’ April 2002, fejn l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti biex tordna lil N ma tghatix ix-xhieda taghha fil-kawza f’l-ismijiet premessi qabel ma jirrilaxxjaha mis-sigriet professjonali.

Rat id-digriet datat 15 ta’ April, 2002, fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta’ B datata 26 ta’ April, 2002.

Rat id-digriet tat-22 ta’ Mejju, 2002 fejn il-Qorti wara li rat ir-risposta cahdet it-talba, b’dan pero’ li jekk ix-xhud thoss tista’ taghmel it-talba skond il-ligi.

Rat in-nota ta’ B datata 30 ta’ Mejju, 2002, li permezz taghha esebiet l-affidavits ta’ O, P, Fr. Q u R.

Rat il-verbal datat 16 ta’ Ottubru, 2002.

Rat in-nota ta’ B datata 7 ta’ Jannar 2003, li permezz taghha esebit id-dokument immarkat bhala Dok. “MLM 1”.

Rat il-verbal datat 9 ta’ Jannar 2003, fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Carlo Bisazza ghall-konvenuta u Dr. Peter Caruana Galizia bhala Perit Legali, li nfurmaw lill-Qorti li l-provi gew konkluzi u li l-Perit Legali qed jirredigi r-rapport.

Rat is-seduti u n-noti dokumenti pprezentati quddiem il-Perit Legali Dr. Peter Caruana Galizia minn fol.102 sa fol.206.

Rat is-seduti u xhieda mizmuma quddiem il- Perit Legali Dr. Peter Caruana Galizia minn fol.207 sa fol.246.

Rat il-verbal tat-2 ta’ April 2003 fejn il-Perit Legali Dr. Peter Caruana Galizia halef ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Peter Caruana Galizia minn fol.249 sa fol.278.

Rat il-verbal datat 14 ta’ Mejju, 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar, 2004.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi in sostenn tal-allegazzjoni tieghu l-attur esebixxa affidavit tieghu nnifsu fejn jghid li l-genituri tieghu kienu kattolici ferventi u allura hu kellu trobbija religjuza stretta hafna.  Sa minn ckunitu kien jahseb illi kien imsejjah biex isir qassis u kien anke’ tkellem fuq din ix-xewqa ma’ xi membri tal-familja tieghu li ferhu hafna u sab hafna approvazzjoni minn naha taghhom.  In-nanna tieghu kienet ukoll taghtu xi flus ghal dan il-ghan.

Illi meta ta’ xi tnax-il sena ghamel l-ewwel hbiberija ma’ tfajla mall-ewwel beda jhoss *“guilt feelings”* minhabba l-ideja tieghu li kellu jsir qassis.

Illi fil-kullegg ta’ San Alwigi beda jattendi l-*prayer groups* u sar membru attiv tal-moviment *“Christian Life Community”* (CLC) kif ukoll kien jiehu sehem f’diversi attivitajiet filantropici.

Illi maz-zmien beda jingibed dejjem izjed lejn il-hajja religjuza tal-gizwiti u anke’ beda process ta’ direzzjoni spiritwali dwar il-vokazzjoni ghall-hajja religjuza l-aktar ma’ Fr. AC.  Pero` mal-mghoddija taz-zmien l-ideja ta’ vokazzjoni religjuza bdiet ticcajpar.  Beda jhoss konflitt intern peress illi bejn ma xtaqx ikompli bil-vokazzjoni u

bejn kien ta kellmtu lil xi familjari u hass ruhu kommess u hass pressjoni biex ikompli f'din it-triq.

Illi meta kien *sixth form* kellu diversi esperjenzi godda u beda jistaqsi lilhu nnifsu jekk kienx aktar imxaqleb lejn relazzjoni intima ma' tfajla milli mal-hajja religjuza u kien f'dan il-kuntest li ltaqa ma' B.

Illi tul is-snin l-attur baqa' in kuntatt mas-CLC u dan il-grupp beda jifforma parti importanti minn hajtu u kienu jiltaqghu kemm ghal attivitajiet religjuzi kif ukoll socjalment fil-*weekends*. B kienet ukoll membru ta' dan il-group. Intant il-vokazzjoni religjuza tieghu bdiet kull ma jmur tmut mewta naturali ghalkemm il-piz taghha xorta baqa' fuq il-kuxjenza tieghu.

Illi l-attur beda johrog ma' B u beda jsir jafha ahjar izda wara ftit xhur l-attur telaq lil B *stante* li ma kienx ghadu verament deciz dwar x'kienet il-vokazzjoni tieghu.

Illi sab impjieg ma' kumpanija *omissis* u kellu jmur jaghmel sena ta' tahrig gewwa l-Germanja. Peress illi kien disokkupat hu accetta l-impjieg u mar javza lil Fr. AD fuq id-decizjoni li kien ha.

Illi ftit zmien qabel ma mar il-Germanja b'kumbinazzjoni A iltqagha ma' B u ftiehmu li waqt li jkun imsiefer jibqghu jiktbu lil xulxin. Fl-istess hin A – (A meta kien sixth form kienu jghidulu AA li hu t-tieni isem tieghu, peress li kien hemm A iehor u baqghu jghidulu hekk sal-lum) kien ghadu bid-dilemma li seta jkun telaq il-vokazzjoni tieghu minhabba c-cirkostanzi.

Illi meta kien il-Germanja A (AA) kien jimmisja hafna l-hajja li kellu Malta u l-korrispondenza ma' B kienet qisha *link* ma' dak li kien halla warajh. Lil B kien jiktbilha ta' spiss u kien anke' jimmagina li kien ihobbha tassew. Kien jibza' li jekk B tixba minnu kien jispicca totalment wahdu. Meta ritorna Malta r-relazzjoni tieghu ma' B kienet qed issir aktar oppressiva peress illi hi ma kienet thallih jaghmel xejn jekk hi ma kinitx tkun involuta wkoll.

Illi dakinhar tat-tieg l-attur jghid *"niftakar qisu l-bierah li ftit mumenti qabel bdiet il-quddiesa kien xaqq l-gharaq ghalija u hassejt "feeling" intens li nitlaq il-barra imma razzant kollox ghax immaginajt li dawn il-hsibijiet huma normali qabel ma wiehed jizzewweg."* Waqt il-*honeymoon* kien jahseb li ahjar ma joqghodx jiddispjacih ghalih innifsu ghax ma kienx hemm x'jaghmel biex johrog mis-sitwazzjoni u kien jitlob li kollox imur sew bejniethom.

Illi B kienet dejjem issir aktar oprimenti u kienet ukoll tikkontrollalu hajtu. Meta sar president tal-*Leadership Community* kienet anke' tiftahlu l-korrispondenza u ccempillu fuq ix-xoghol u taghmillu x-xenati. Kienet ukoll tissusspetta li kellu relazzjoni ma' persuna fil-*Leadership Community*, C. Wara zmien ta' tenzjoni u sitwazzjonijiet aktar gravi l-koppja ndunat li ma kellhomx triq ohra hlief ghas-separazzjoni.

Illi, in kontro-ezami l-attur cahad illi meta kien ikun id-dar kien jaghmel hafna mill-hin jistudja wahdu imma qal illi: *"qabel iz-zwieg diga kelli d-dubji tieghi fis-sens illi ma kellix nizzewweg ma' B...Wara z-zwieg u iktar m'ghadda z-zmien dan id-dubju izjed gie konfermat."*

Illi, l-attur qal ukoll illi: *"jien nammetti li minn dejjem kelli dubju dwar jekk B kinitx il-persuna kompatibbli mieghi u nammetti wkoll li kelli turmoil ta' vokazzjoni religjuza. Illum il-gurnata nghid with hindsight li minhabba dawn ir-ragunijiet ma missniex tajt il-kunsens tieghi ghaz-zwieg."*

Illi l-attur esibixxa ukoll affidavit ta' ommu **S** li semmiet il-fatt li hu u hutu kienu jibzghu minn missierhom minhabba li kien persuna strett hafna. Semmiet ukoll il-vokazzjoni ta' A li minn eta' zghira xtaq isir qassis u l-indecizjoni tieghu fuq l-istess vokazzjoni meta dahal *sixth form* u beda jaghmel hbieb mat-tfajliet.

Illi meta ghazel li jmur il-Germanja wara li kien accetta x-xoghol ma' fabbrika tan-nuccalijiet kien indirettament telaq it-triq tal-vokazzjoni. Meta gie mill-Germanja beda johrog ma' B u maz-zmien bdew jaghmlu preparamenti ghaz-zwieg.

Illi fil-hajja mizzewga omm l-attur bdiet tinnota li B kellha karattru possessiv fuq A u kollox kellu jsir kif tiddeciedi u tghid hi.

Illi fil-Milied 1997, B marret ghall-ikla tal-Milied ghand omm A izda kienu ggieldu glieda kbira u ghalhekk A ma marx maghha. Kien minn hemm li l-problemi bdew johorgu fil-berah. Maz-zmien B bdiet tiftah qalba ma' omm A, ma kinitx tassumi responsabilita` ghall-problemi ta' bejniethom imma kienet takkuza lil A li kellu relazzjoni ma' xi hadd iehor.

In kontro-ezami S xehdet illi saret taf li binha kellu relazzjoni ma' C recentement, jigifieri, sena ilu.

Illi l-attur esibixxa kopja ta' ittra ta' rizejna mis-CLC mmarkata bhala Dok. "MM 1" pero` ma kienet ta' l-ebda rilevanza ghall-kaz.

Illi esibixxa wkoll affidavit ta' **T** mmarkat bhala Dok. "MM 2" fejn l-istess T jghid illi A (AA) kien ihares lejn missieru b'certa reverenza. A (AA) kien ukoll persuna kommessa lejn il-familja tieghu u kien iqatta' *quality time* ma' martu u uliedu. Ix-xhud kien jaf lil B bhala persuna emozzjonali hafna imma kienet tiehu x-xoghol u l-familja tagha b'serjeta` kbira.

Illi A (AA) kien ikollu jitlob il-permess minghand B sabiex jiehu sehem fl-attivitajiet tas-CLC. L-attur kien jaghmel l-impenji tieghu jew filghodu kmieni jew bil-lejl sabiex dawn ma jkunux ta' interferenza mall-hajja tal-familja.

Illi 'n kontro-ezami T qal illi kien innota illi l-attur kien qed ihossu ssikkat fiz-zwieg minhabba l-oggezzjonijiet kontinwi li kien qed isib minghand B.

Illi **U**, kugina tal-attur fil-affidavit taghha qalet li lil B kienet tafha ftit li xejn imma setghet tiddeskriviha bhala *"persuna kwieta u rizervata li pero' kienet possessiva hafna fuq AA u anke' dipendenti fuqu"* u li fl-ahhar snin taz-zwieg B

dejjem kienet tkun tidher imdejqa. Ir-relazzjoni taghhom mat-tfal dejjem kienet u ghada wahda tajba hafna.

Illi l-attur esibixxa wkoll kopji ta’ zewg ittri li kien ircieva minghand missieru V. Dawn l-ittri huma mmarkati bhala Dok. “MM 3” u Dok. “MM 4” kif ukoll kopja ta’ ittra lill-attur minghand certu X f’isem *The Formation Team* - Dok. “MM 5” imma ma huma ta’ l-ebda relevanza ghall-kaz.

Illi fil-31 ta’ Jannar 2002 **W** prodotta mill-attur xehdet illi A (AA) kellu certa biza` minn missieru u dan wassal biex ma setghax jizviluppa identita` awtonoma. Wahda mill-problemi kienet illi A (AA) kiber f’ambjent fejn ma kienx accettabbli li wiehed jibdel l-opinjoni tieghu fuq xi haga.

Illi l-attur kellu pressjoni biex jiehu l-ordni sagri, din il-pressjoni kienet kbira u l-konflitt baqa’ prezenti go fih anke’ meta beda jiffrekwenta t-tfajliet u eventwalment izzewweg. Ix-xhud tghid *“I have interpreted the situation as being a continuation of the priest/lay person conflict and that this was a delayed post-adolescent missed adolescent rebellion.”*

Illi **W** tghid li B kienet taghmel pressjoni fuq A (AA) biex ikun aktar prezenti fil-familja. A (AA) u B kellhom kuncetti diversi dwar x’kien jinvolvi z-zwieg, B riedet zwieg tradizjonali filwaqt li A (AA) ried it-tip ta’ hajja li kienet tintegra l-hajja matrimonjali ma’ impenji ta’ servizz ghas-socjeta`.

Illi ‘n kontro-ezami **W** qalet illi minhabba fatturi fl-*upbringing* ta’ A (AA) u minhabba l-ambjent familjari li kiber fih, A (AA) seta’ ma kienx jaf jiehu decizjonijiet importanti bbazati fuq ghazliet liberi u dan fl-istat li kien qabel ma zzewweg.

Illi l-attur ezibixxa wkoll affidavit ta’ **Rev Y** mmarkat bhala Dok. “DC 1”, fejn ix-xhud ighid illi meta kien icempel lill-attur id-dar u kienet tirrispondi B kienet tirreagixxi billi tghidlu biex lil A (AA) ma jtiehx aktar xoghol peress li diga kellu hafna *commitments*.

Illi fl-affidavit ulterjuri ta' A (AA) bhala attur rikonvenzjonat jghid illi N lilu ftit kienet tafu u meta kienet qed thajjar lil B biex tibda tohrog mieghu hi *"ma kienet taf xejn dwar dak li kien ghaddej minni, dwar is-sitwazzjoni familjari tieghi u l-pressjoni li kien jezercita missieri fuqi, dwar id-dubji kollha li kelli dwar il-vokazzjoni religjuza li kont qed inhoss, dwar l-esperjenza tieghi fil-Germanja u kif din halliet impatt qawwi fuqi."*

Illi jghid ukoll illi l-attur ma kien jaf xejn dwar il-fatt li N u zewgha kienu nnominaw lilu u lil B biex jiehdu hsieb it-tfal taghhom jekk gralhom xi haga meta kienu msiefrin.

Illi l-attur ihoss li dejjem kien prezenti ghall-bzonnijiet tal-familja specjalment meta kien hemm il-problemi medici ta' Z u anke' ta' B. L-ebda *commitment* jew laqgha qatt ma kienet ta' tfixkil ghad-doveri tal-attur versu ibnu Z u fil-fatt kien imur ghall-visti kollha, kien mieghu il-hin kollu waqt l-intervent kirurgiku u anke' kien jaghmel il-*follow ups* u jixtrilhu l-medicini neccessarji.

Illi rigward il-kundizzjoni medika ta' B l-attur ighid illi ghalkemm ir-relazzjoni bejniethom kienet qed tehzien hu xorta baqa' jattendi maghha ghall-visti ghand it-tobba u specjalisti u kien mar il-Brazil sempliciment minhabba li B kienet qed taghmel progress u li t-testijiet li sarulha kienu jindikaw illi dak li kien mahsub li jezisti ma kienx jezisti fil-fatt u ma setax jigi determinat jekk u meta hux ser ikun hemm ripetizzjoni tas-sintomi li hasset, kif fil-fatt ma regghewx ripetew ruhhom.

Illi l-attur jichad kategorikament li hu qatt kellu xi relazzjoni extra-maritali ma' C imma huma kienu jahdmu mill-qrib u ghalhekk kienu saru hbieb.

Illi l-attur esibixxa kopji ta' zewg ittri wahda kopja ta' ittra minn N immarkata bhala Dok. "G 1" ta' l-ebda rilevanza ghall-kaz u ohra kopja ta' ittra mibghuta minn B lil A (AA) datata 26 ta' Jannar 1999 mmarkata bhala Dok. "DC 3" fejn il-konvenuta tesprimi ruhha dwar il-problemi konjugali li kienu ghaddejin minnhom u thoss illi ma kinitx appoggatu bizzejjed fil-*commitments* li kellu ghalkemm l-

intenzjonijiet taghha kienu dejjem genwini. Tghid ukoll illi l-bzonn taghha li tinghata certu attenzjoni minn-naha ta' zewgha kien qed jigi soppress ghall-bzonn li hi tkun mara li tkun ta' support ghal zewgha.

Illi hi tghid illi ghalkemm l-attur ipprova xorta wahda hallija thossha wahedha specjalment fil-mumenti meta kien hemm il-problemi tas-sahha ta' Z. B thoss ukoll illi zewgha sar persuna kompletament strangiera ghal-fatt illi fejn qabel kienet tafu bhala persuna generuza u sensittiva issa kien sar ragel mimli rabja li kien jirrigettaha u kien juza kliem ikrah u akkuzattiv fil-konfront taghha.

Illi B tghid ukoll li l-hbiberija tieghu ma' C iggalha thossha *left out* u minaccjata. B thoss ukoll illi ghalkemm huma ghaddejjin minn zmien ikrah xorta wahda ghada thobbu u tixtieq tirranga dan kollu waqt li A (AA) ikompli jaghlaqa barra minn hajtu.

Illi l-attur esebixxa wkoll kopja ta' ittra mibghuta lilu minn B u datata 24 ta' Novembru 1984 mmarkata bhala Dok. "DC 4" fejn il-konvenuta tirrakkonta dwar l-istress li ghandha fuq ix-xoghol u fuq il-problemi familjari li kienet ghaddejja minnhom minhabba l-attitudni difficli li kien qed jaddotta missierha fil-konfront tal-familja.

Illi B titkellem ukoll dwar il-mumenti difficli li l-attur kien ghaddej minnhom il-Germanja. Tesprimi inkwiet ukoll fuq il-fatt illi A (AA) jghid li hu jghix ghaliha. Hi tinkuragih jibda jemmen aktar fih innifsu u fil-kapacitajiet tieghu.

Illi l-**konvenuta** esebit affidavit taghha stess immarkat bhala Dok. "ML 1" fejn tghid li hi l-unika bint f'familja ta' erbat itfal, kibret f'familja normali ghalkemm missierha kien wiehed kemm xejn nervuz imma ta' qalb tajba. Iltaqghet ma' zewgha meta kienet *sixth form* u mal-ewwel saru hbieb. Hi kienet attratta lejh u wara ftit staqsietu biex jibdew johorgu flimkien. Ghamlu hekk ghal xi tlett xhur sa ma hu qalilha li jahseb li kellu vokazzjoni religjuza u xtaq jibqa miftuh ghall-possibilta` ta' sejha. Ghalhekk ma baqghux jiffrekwentaw lil xulxin.

Illi ftit qabel ma' mar il-Germanja A (AA) u B iltaqghu waqt "party". A (AA) kien ferhan hafna li ltaqa maghha u qalilha li xtaq izomm kuntatt maghha. Meta mar il-Germanja beda jiktbilha u jcempillha ta' sikwit u anke' kien jghidilha li xtaq li jibdew jiffrekwentaw lil xulxin mar-ritorn tieghu Malta. Hu qatt ma rega' semmilha x-xewqa tieghu li jsir qassis izda r-religjon xorta baqa' element importanti f'hajtu. Meta eventwalment izzewgu, l-attur baqa jattendi u jippartecipa f' attivitajiet religjuzi tant li ftit li xejn kien ikollu hin ghal martu u z-zewg uliedu. Fil-fatt darba minnhom A ipprezenta lil B b'*time-table* ghal meta jkun jista jqatta' l-hin mal-familja li bazikament kien sa jkun ghal hin ta' saghtejn wara nofsinhar nhar ta' sibt.

Illi l-konvenuta kienet thoss li A (AA) kien jaghti aktar importanza lil CLC milli lill-familja tieghu u meta sar President ta' din l-ghaqda, inqas kellu hin ghall-familja. Kien ukoll jikkomunika hafna ahjar mal-membri tal-grupp b'mod specjali kellu certa hbiberija ma' C. Meta z-zwieg kien fi krizi B ghazlet li tipprova ssalva z-zwieg billi taghmel l-irtir ta' San Injazju. Hi kienet immexxijja minn Fr. Q li kien issuggerilha li hi u zewgha jmorru *counselling*, izda meta qalet dan lil A (AA), hu rriffjuta.

Illi f'Gunju 1998, B ma bdietx tara sewwa minn ghajn wahda u giet rikoverata l-isptar fejn qalulha li kien hemm possibilta` li kellha *multiple sclerosis*. Dakinhar li dahhlet l-isptar A (AA) mar laqgha filghaxija u ftit gimghat wara mar gimghatejn il-Brazil ghall-kungress tas-CLC minghajr ma ra jekk B kinitx fizikament tiflah tiehu hsieb il-familja. Mar-ritorn tieghu B sabet ukoll kopji ta' *faxes* li kien baghat lil C fejn qalilha li l-esperjenza kienet tkun wahda perfetta li kieku hi kienet mieghu.

Illi anke' xi hbieb fosthom N u P kienu inkwetati fuq il-hbiberija li kien hemm bejn l-attur u C u ghalkemm ippruvaw ikellmu lil A (AA) fuq dan hu kien qisu jinghalaq fih innifsu.

Illi wara ftit A (AA) qal lil B li hu ried l-ispazju tieghu u ried jibda johrog ma' shabu. Meta B kienet tipprova tkellmu

fuq is-sitwazzjoni ta’ bejniethom hu kien jghidilha biex ma tkellmux fuq hekk inkella kien johrog mid-dar.

Illi f’1999 l-attur iddecieda li jissepara minn mal-konvenuta u llum il-gurnata ghandu relazjoni aperta ma’ C.

Il-konvenuta esebiet wkoll affidavit ta’ ommha **O** immarkat bhala Dok. “MLM 1” fejn tghid li B u A (AA) bdew johorgu ma’ xulxin meta kienu *sixth form* San Alwigi, wara ftit taz-zmien huma ma baqghux flimkien peress li A (AA) hass li seta’ kellu vokazzjoni religjuza. Kien persuna religjuza hafna u ta importanza kbira lill-religjon.

Illi wara r-ritorn ta’ l-attur mill-Germanja, A (AA) u B regghu bdew jiffrkwentaw lil xulxin u eventwalment izzewgu. Ftit wara kellhom zewg trabi u ghalhekk O kellha tghin lil B bit-trabi peress illi A (AA) kien okkupat jaghmel *evening course* ghal BA *f’Religious Studies*. B kienet tkun wahedha tiehu hsieb it-tfal ta’ sikwit aktar u aktar meta l-attur sar il-President tas-CLC. B kienet imdejqa bis-sitwazzjoni u anke’ l-attitudni ta’ A bdiet tinbidel.

Illi meta f’Lulju 1996 O kienet kisret l-ghaksa u ma setghetx tiehu hsieb lin-neputijiet, A kien issuggerixxa li C kienet lesta li tghina tiehu hsieb it-tfal. Din kienet l-unika darba li O iltaqghet ma’ C.

Illi **P** fl-affidavit tieghu jghid li hu u martu kienu hbieb ta’ A (AA) u B ghalkemm wara s-separazzjoni baqghu aktar in kuntatt ma’ B. Hu qal illi meta A (AA) kien President tas-CLC kien dedikat hafna f’dan ir-rwol. Minn-naha l-ohra B ghalkemm kienet kuntenta bir-rwol importanti ta’ zewgha f’dan il-moviment kienet spiss tkun konfinata d-dar tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja.

Illi f’Lulju 1998 A (AA) ghamel l-irtir ta’ San Injazju u staqsa lil N mart P biex tghinu b’dan l-irtir, biex l-irtir jirnexxi aktar, N suggeriet li jgib lil xi hadd iehor mieghu u fil-fatt beda jgib lil C. Ghal-habta tal-Milied C u A (AA) taw rigal konsiderevoli lil N flimkien.

Illi f'Marzu 1999 meta N kellha l-*birthday*, A (AA) suggerixxa illi ghall-birthday ta' N johorgu N u zewgha flimkien mieghu u ma' C. F'April 1999, l-attur telaq mid-dar matrimonjali u mar jghix separatament fil-Bidnija. Minn hemm 'il-quddiem kien evidenti li r-relazzjoni ma' C kienet sa tizviluppa ghal dik ezistenti llum.

Ili **Fr. Q** fl-affidavit tieghu mmarkat bhala dok. "MLM3" qal illi kien jaf lill-attur minn eta' zghira peress illi kienu kollegi f'San Alwigi. Jiftakar illi B marret ghandu meta xtaqet issolvi l-problemi taghha ma' zewgha. Fil-fatt hi ghamlet irtir Injazjan biex tipprova issolvi l-problemi. F'dak iz-zmien B ma kinitx thossha supportjata minn A (AA) li kien jitfa l-energija tieghu kollha fuq il-hidma volontarja li kien ifisser hafna hin barra mid-dar. Barra minn hekk kienet tinkwieta dwar il-hbiberija ezagerata li A kellu ma' C u kienet thoss li din il-hbiberija ma kinitx f'postha. Il-laghqat tal-KHN kienu jsiru f'Mount St. Joseph fejn kien ikun l-istess Fr. Q u kien josserva li dawn il-laghqat filghaxija kienu jdumu sat-tard u wara xi membri kienu jkomplu jitkellmu qabel ma' jitilqu mill-*premises*. Wara l-irtir, B xorta baqghat tmur tarah peress illi l-affarijiet baqghu sejrin ghall-aghar.

Illi affidavit iehor hu dak ta' **N** immarkat bhala Dok. "MLM 4". N iltaqghet mal-konvenuta s-*sixth form* u tiftakar li B dejjem ghazlet bhala priorita` li tghix hajja bilancjata.

Illi tiftakar ukoll li kemm hi u zewgha u B u A (AA) kienu jfittxu l-kumpanija ta' xulxin u spiss kienu jiltaqghu socjalment. Meta waslu biex jizzewgu kienu ta' spiss jistaqsu lil N u P ghal pariri u kienu jidhru ppreparati ghal dak li kienu se jidhlu ghalih.

Illi N tant kellha fiducja fil-kopja li darba meta hi u zewgha kellhom imorru l-Mexico u jhallu warajhom iz-zewg uliedhom, N kienet ghamlet skrittura sabiex jekk jinqalla xi haga, it-tfal jghaddu ghand B u A (AA) li kienu jkunu l-*foster parents* taghhom. Kienet ukoll ghamlet lista ta' kontijiet bankarji u assikurazzjonijiet u assi sabiex B u A (AA) ikunu jistghu jiehdu hsieb it-tfal. Hi kienet sahansitra infurmat lin-Nutar Dr. Pierre Attard li l-kontenut tal-ittra

kellha tissuprasjedi t-testment sar-ritorn taghhom mill-Messiku.

Illi meta waslu biex jizzewgu l-kopja kienu jidhru ferm preparati u l-attur kien jitkellem hafna fuq is-sagrament li kienu ser jircievu. Huma kienu t-tnejn kburin hafna b'xulxin u kienu jitkellmu dwar xulxin b'mod kumplimentuz.

Illi wara li zzewgu kienu baqghu jitlaqghu u fil-fatt N issemmi li B kienet tilmenta fuq il-fatt li A (AA) kien involut wisq fis-CLC u kien iqatta' hafna hin barra mid-dar u ghalhekk ma tantx kienu jqattghu zmien flimkien. Maz-zmien l-involviment ta' A (AA) mal-volontarjat kompla jizdied u wisq inqas kien iqatta' hin mal-familja, anke' fi zminijiet fejn kien hemm certi problemi fosthom mat-twelid tat-tieni iben, Z, li kellu xi problemi renali. Kien jippreferi jmur ghall-attivitajiet li kien involut fihom milli jakkompanja lil B ghall-visti medici ta' binhom Z.

Illi f'1997 ghamel hbiberija profonda mas-segretarja tal-*Leadership Community*, C u ghalkemm il-konvenuta kienet tilmenta fuq din il-hbiberija, A (AA) qatt m'ghamel xejn ghas-serhan il-mohh ta' B.

Illi darba waqt piknik fil-Bidnija N irrimarkat ma' l-attur li kien imbidel ghall-aghar fil-konfront ta' B. A (AA) irrisponda: *"Ajma, m'ghandekx idea kemm xbajt, kemm xbajt minnha!"*

Illi meta darba N suggerit li l-kopja tmur *counselling*, A (AA) eskluda l-htiega li jaghmlu dan. Hu qal li pprefera jqatta' ftit taz-zmien biex isolvi l-problema li kienet tezisti fih innifu peress li kien ihoss li dak li kien tajjeb ghalih fil-passat issa m'ghadux joghgbu.

Illi f'Gunju 1998 meta zviluppat il-problema f'ghajnejn B u kien hemm possibilita` li din kienet konnessa mal-*multiple sclerosis* A (AA) baqa' ghaddej bil-preparamenti ghall-Brazil N ssuggerit li jibdel il-pjanijiet izda hu baqa' jipprepara li jmur xorta.

Illi meta rritorna mill-Brazil A (AA) staqsa lil N biex tghinu fl-irtir ta' San Injazju. Hi accettat u suggerit li jgib lil xi persuna ohra biex taghmel din l-esperjenza mieghu. A (AA) ghazel lil C.

Illi l-affarijiet baqghu sejrin ghall-aghar u fl-ahhar iddecidew li jmorru ghal *counselling* ghand W. N stess cemplet lil W qaltilha dwar is-sitwazzjoni. Qaltilha wkoll illi filwaqt li B kienet qed taghmel minn kollox biex issalva z-zwieg, A (AA) ma deherx li ried jaghmel l-istess.

Illi l-konvenuta resqet lix-xhud **C** li qalet li saret taf lill-attur meta saret segretarja ezekuttiva tas-CLC waqt li kien President. Minhabba r-*roles* taghhom huma saru hbieb. Xehdet ukoll illi iltaqghet ma' B li kienet tinkwieta li kien hemm xi relazzjoni bejna u l-attur izda C dejjem innegat dan u heggitha biex ifittxu ghajnuna professjonali.

Illi C marret kors Chicago izda qabel ma telqet kien sar *farewell party* ghaliha fid-dar ta' A (AA) il-Bidnija. Hi saret taf li l-attur u l-konvenuta sseparaw ghall-habta ta' April 1999 u l-ewwel *"date"* li kellhom kien ghal habta ta' Gunju 2000 meta C kienet *holiday* hawn Malta ghal xi xahrejn. A (AA) ukoll darba kien mar Chicago bhalma gieli kienu jmorru persuni ohra.

Illi 'n kontro-ezami x-xhud tichad li qalet lil N li A (AA) kien *suicidal.* Tikkonferma li kien hemm konversazzjoni ma' N u li ma kinitx l-unika telefonata fejn kienu jikkoncentraw fuq is-sitwazjoni bejn B u A (AA) imma ma uzatx il-kelma *suicidal* fil-konfront ta' l-attur. Tichad ukoll li qatt kien hemm xi kliem minn N fis-sens li kellha tieqaf milli tkompli l-irtir injazjan flimkien ma' A (AA).

Illi 'n re-ezami x-xhud tghid illi hi u l-attur ilhom flimkien ufficjalment ghal sena. Kemm hi u A (AA) telqu mis-CLC ghax ma kinux komdi. L-attur minhabba li hafna mill-persuni fil-grupp kienu qed *"jissajdjaw"* ma' B waqt li x-xhud telqghet minhabba allegazzjonijiet foloz li kienu qed isiru minn membri tal-grupp taghha fis-sens li hi u A (AA) kellhom relazzjoni extra-maritali. Tichad li kien hemm xi haga qabel li imbaghad giet formalizzata wara.

Illi l-konvenuta esebiet affidavit ta’ **D** li qalet illi saret taf lil A (AA) u B ghall-habta ta’ 1984. Bhala koppja kienu popolari ma’ shabhom. Meta zzewgu l-attur baqa’ impenjat hafna fil-grupp li kien fih u meta twieldu t-tfal baqa’ jzomm l-istess impenji waqt li B kellha tnaqqas hafna mill-karriera taghha biex tiehu hsieb il-familja.

Illi l-attur kien jaghmel xoghlu tajjeb hafna fl-impenji li kellu imma hafna drabi dan kien ikun ghal detriment tal-familja tieghu. Meta z-zwieg kien fi krizi B xtaqet tmur *counselling* ma’ A (AA) imma hu rrifjuta, meta fl-ahhar accetta li jmur kien tard wisq.

Illi darba minnhom D u A (AA) iltaqghu ghall-kafe biex jitkellmu fuq il-problemi li kien hemm bejnu u B. Il-messagg kien li kellu problemi kbar peress li ma kienx ghadu jhobb lil B u kien qed ihoss li hu qatt ma habba anke’ meta zzewweg.

Illi l-konvenuta esibiet affidavit ta’ **E** li sar jaf lill-kontendenti peress li F (il-mara tieghu) kienet habiba ta’ B. Iz-zewg koppji saru hbieb u spiss kienu johorgu flimkien. B kienet ta’ appogg ghal A (AA) fl-istudji tieghu.

Illi mument difficli ghal B u A (AA) kien meta twieled Z bi problemi renali. Problema ohra kienet li A (AA) kien se jmur il-Brazil minghajr B.

Illi id-Dok. “MM 3” hu affidavit ta’ **F** li ilha taf lil B ghal sebgha u ghoxrin sena peress li kienu hbieb kbar. Lill-attur saret tafu meta beda johrog ma’ B. Kien ragel intelligenti ta’ principju, kolt, nervuz, habrieki, bi kwalitajiet ta’ *leader* u xi ftit rasu iebsa.

Illi wara li zzewgu B xorta halliet l-ispazju lil A (AA) biex ikun jista jirrealizza l-istudji u x-xewqat kollha tieghu u biex jizviluppa l-kwalitajiet u l-karriera tieghu. Meta twieldu t-tfal B kellha l-piz li tiehu hsieb it-trobbija taghhom u ma kellhiex zvog iehor barra mid-dar. A (AA) baqa’ involut f’hafna attivitajiet u B kienet tqatta’ hafna fil-ghaxijiet wahidha mat-tfal.

Illi f'April 1998 A (AA) kien gharrafhom li kien se jaghmel vjagg ghall-Brazil imma ma riedx jaqsam din l-esperjenza ma' B. Wara l-vjagg il-komunikazzjoni bejniethom kienet kwazi spiccat fix-xejn filwaqt li bdiet tikber il-hbiberija tieghu ma' C.

Illi ghall-habta ta' April 1999 l-attur telaq mid-dar u ftit xhur wara x-xhud saret taf li kien qed jiffrekwenta lil C regolarment. Wara s-separazzjoni l-konvenuta xorta baqghet tiehu lil uliedha ghand omm A (AA) u baqghet izzomm relazzjoni tajba mal-familja.

Illi affidavit iehor esibiet mill-konvenuta hu dak ta' **G** immarrkat bhala Dok. "MM 4". Din saret taf lill-attur fil-*Leadership Community elections* tas-CLC. Kien jahdem hafna ghal dan il-moviment u meta xi membri ma setghux jaghmlu xoghlhom minhabba xi problemi personali, A (AA) kien jaghmel xoghlhom hu. Ghall-habta ta' l-ahhar ta' 1998 kien ukoll jiltaqgha ma' AB fis-sebgha ta' filghodu l-Airport Café' halli jippreparaw statut gdid ghal CLC. Hu kien jiddedika l-hin tieghu ghax-xoghol ghand AC u ghall-attivitajiet ta' CLC. A (AA) ma kienx juri li kien ghaddej minn problemi konjugali.

Illi l-ewwel darba li x-xhud saret taf li A (AA) u B kienu se jisseparaw kien f'Jannar 1999. L-attur kien diga' ddecida li jissepara u kien qed ifittex post fejn imur jghix. Hu qal li r-raguni ghaliex telaq lil B kienet minhabba li ma kienx ihobbha, ma kienx jaf jekk qatt habbha, u ried ifittex x'kienet ir-rieda ta' Alla ghal hajtu.

Illi ix-xhud saret taf lil C bhala *executive secretary* tal-*leadership community*. C u l-attur kienu saru hbieb kbar u kien jitkellem fuqha b'mod posittiv hafna. Il-hbiberija taghhom komplit tikber u fil-fatt kienu jqattu hafna hin jitkellmu flimkien.

Illi id-Dok. "MM 5" huwa affidavit ta' **H** li saret taf lil B u A (AA) is-*sixth form* ta' San Alwigi. B kienet persuna habrieka hafna u kienet dejjem lesta biex tghin.

Illi saret habiba ta' A (AA) l-aktar wara li kien hareg ma' B ghal xi ftit zmien u imbaghad kien telaqha. Hu qal li r-raguni ghaliex telaqha kien minhabba li hass li kellu vokazzjoni religjuza.

Illi wara r-ritorn tieghu mill-Germanja r-relazzjoni ta' bejn B u A (AA) regghet bdiet u zzewgu f'Settembru 1990. Ftit wara z-zwieg l-attur baqa jzomm l-impenji li kellu u B kienet thoss illi kien johrog wisq ta' spiss u meta kien iqatta' l-hin id-dar xorta kien ikun impenjat jahdem fuq l-attivitajiet li kellu.

Illi meta twieled Z bi problemi renali, il-konvenuta kienet thossha wahedha hafna u kienet thoss in-nuqqas ta' support minn-naha ta' A (AA) li ta' sikwit kien ikun barra filghaxija. Meta kien President tas-CLC bejn 1996 u 1999 A (AA) kien iddedika ruhu kompletament ghax-xoghol u ghalhekk kien jissakrifika l-hin tal-familja.

Illi f'1998 B u H kienu jiltaqghu ta' spiss peress li uliedhom kienu jmorru l-istess skola, B kienet spiss tilmenta li r-relazzjoni taghha ma' A (AA) kienet sejra lura, li kien qed ikollhom bosta argumenti u nuqqas ta' komunikazzjoni. A (AA) kien ukoll qed jitwarrab mic-cirku ta' hbieb li kienu u fil-fatt meta kienu jiltaqghu A (AA), sakemm ma jkunx hemm xi diskussjoni fuq is-CLC jew fuq is-sitwazzjoni politika, kien jibqa kwiet u mohhu kien ikun sommers fil-hsibijiet.

Illi fis-sajf ta' 1998 B kellha problema f'ghajnejha li t-tobba qallu setghet kienet sintomu ta' *multiple sclerosis*. A (AA) ghamel ricerka fuq din il-marda u kkummenta li l-effetti taghha kienu koroh hafna. Izda, xi xahar wara, ghalkemm B kienet ghada ma gietx lura ghan-normal, A (AA) telaq ghal gimghatejn fi Brazil.

Illi wara r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet iddeterjorat tant li l-koppja sseparaw u llum il-gurnata A (AA) ghandu relazzjoni ma' C.

Illi fl-affidavit tieghu mmarkat bhala Dok. "MM 6" **I** jghid li kien jaf lill-attur peress illi kienu jattendu l-istess skola.

Sar jaf lill-konvenuta meta bdew jattendu s-*sixth form*. Lil A (AA) kien jafu bhala persuna ta' dedikazzjoni kbira, kellu principji sodi u kien ukoll persuna religjuza hafna. Lil B kien jafha bhala persuna sensittiva, taf thobb u tghin u religjuza hafna wkoll.

Illi l-attur kellu hafna *commitments* u dan kien iwassal sabiex ikollu hafna impenji barra mid-dar, haga li B ma kinitx tiehu pjacir biha. Anke' meta twieled Z, l-impenji ta' A (AA) ma waqqfux.

Illi darba minnhom meta I stieden lil B, A (AA) u uliedhom ghal *birthday party* ta' binthu, B u A (AA) gew b'karozzi separati u A (AA) kellu jitlaq kmieni minhabba li kellu xi impenn. B kienet inkwetata hafna fuq hbiberija li kellu ma' C.

Illi ghall-habta ta' Settembru 1998 A (AA) attenda *meeting* specifikament biex jinforma lil kulhadd li z-zwieg taghhom kien fi krizi u kien ilu ghaddej minnhu ghal xi zmien. Hu qal li probabilment ma kinux se jdumu ma jisseparaw. Hu qal li forsi kienet ir-rieda ta' Alla li huma jisseparaw. Din kienet haga li kienet tikkontrasta ferm mat-twemmin religjuz li hu kien jipprattika.

Illi fl-ahhar Milied qabel ma sseparaw, A (AA) kien mistieden ghal *surprise birthday party* ta' C. Dan kien lejliet l-ewwel tas-sena u A (AA) kien mistieden wahdu. B haditha bi kbira hafna imma A (AA) ma seta' jara xejn stramb li stiednu lilu wahdu imma anzi hassu offiz bir-reazzjoni li kellha B.

Illi,ix-xhud hass li tul is-snin A (AA) ma tax lill-familja dik l-importanza li kien jixraqilha.

Illi **J** fl-affidavit immarkat bhala Dok. “MM 7” tghid li saret taf lil B u A (AA) peress li kienu hbieb ta' zewgha I. Huma kienu saru hbieb kbar u fil-fatt ta' spiss kienu johorgu flimkien l-erbgha li huma. Kemm B kif ukoll A (AA) kellhom karattri li jigbduk. L-attur kien persuna li dejjem jahdem waqt li B kienet persuna ta' karattru sod hafna.

Illi A (AA) kien persuna li kien jaccetta impenji godda minghajr problemi ta' xejn, u dan anke' fi zmien meta kienu ghaddejjin mill-problema ta' sahhet Ben. Fil-fatt B kienet tilmenta fuq il-fatt li A (AA) ma kienx qed iqatta' bizzejjed hin ta' kwalita mal-familja u hi kienet thossha wahidha. Is-sitwazzjoni kompliet tiggrava meta A (AA) sar il-President tas-CLC u b'hekk kellu anqas hin ghall-familja. Barra minn hekk kien hemm il-problema li B kienet qed tissusspetta dwar il-hbiberija li kellu A (AA) ma' C.

Illi wara xi sentejn, B zviluppat komplikazzjoni fl-ghajnejn li setghet kienet sintomu ta' *multiple sclerosis. Nonostante* l-fatt li A (AA) kien inkwetat, hu xorta wahda mar ghal gimghatejn fil-Brazil. Meta gie lura s-sitwazzjoni ta' bejniethom baqghet tiggrava u fil-fatt darba B avvicinat lil C u qaltilha biex tibda tinkludiha fl-attivitajiet ta' bejniethom peress li hi u A (AA) kienu koppja mizzewga. C qaltilha li ma kienx hemm ghalfejn tinkwieta ghax il-hbiberija taghhom kienet biss wahda platonika.

Illi is-sitwazzjoni ta' bejniethom baqghet sejra ghall-aghar u fl-ahhar wasslu biex marru *counselling* and W. Wara ftit A (AA) attenda laqgha tal-grupp Dielja u infurmahom li hass li ma setghax ikompli jghix ma' B u li forsi kienet ir-rieda t'Alla li huma jisseparaw.

Illi affidavit iehor esibiet mill-konvenuta hu dak ta' **K** mmarkat bhala Dok. "MM 8" fejn tghid li saret taf lill-koppja fis-*sixth form* ta' San Alwigi. K tghid li wara z-zwieg ghaddew minn mumenti difficli mal-wild tat-tieni iben Z. Wara dan B kienet tilmenta wkoll li A (AA) kien qed ikun imbieghed mid-dar minhabba xoghol u impenji ohra. B kienet naqqset l-impenji taghha sabiex tiehu hsieb ghall-bzonnijiet tal-familja. Din il-problema ta' nuqqas ta' hin ta' A (AA) kienet haga li baqghet sejra.

Illi f'Novembru 1998 B harget max-xhud u qaltilha li s-sitwazzjoni kienet ilha sejra, kif kien qed igib ruhu A (AA), u kemm kienu resqin lejn separazzjoni.

Illi wara ftit B semmiet li kien hemm persuna qrib ta' A (AA) li hi kienet kellmet u kienet widdbitha biex toqghod il-

boghod mir-relazzjoni taz-zwieg taghhom. Din harget cara wara s-separazzjoni meta B kienet tara u tisma mit-tfal fuq minn kien ikun hemm maghhom meta huma kienu jkunu ma' missierhom.

Illi fl-affidavit ta' **L** mmarkat bhala Dok. "MM 9" ix-xhud tghid li saret taf lill-partijiet meta kienu s-*sixth form* ta' San Alwigi u baqghu fi hbiberija wara dan. Wara li zzewgu u kellhom it-tfal, A (AA) baqa' impenjat bl-attivitajiet li kellu u dan kien wassal biex il-pressjoni tal-familja kienet taqa' kollha fuq B.

Illi f'Novembru 1996 B qalet lix-xhud li kienet sabet xi kartolini ta' A (AA) miktuba minn C u kienet thoss li C kienet qed tintrometti ruha wisq bejniethom. Semmiet ukoll li darba C marret id-dar taghhom u baqghet titkellem ma' A (AA) sas-saghtejn ta' fil-ghodu u dan anke' wara li B indikat li kienet ghajjiena u marret torqod.

Illi meta l-attur irritorna mill-Brazil, B ilmentat max-xhud li kienet sabet xi kopji ta' *faxes* li A (AA) kien baghat lil C u din kienet haga li wegghet hafna lil B. Minn hawn kien car li kien hemm problemi serji bejniethom u fil-fatt A (AA) telaq mid-dar f'April 1999.

Illi hu l-konvenuta **M** fl-affidavit tieghu mmarkat bhala Dok. "MM 10" xehed illi B hija persuna indipendenti hafna u ta' principji sodi.

Illi dwar il-hajja mizzewga ta' ohtu, M jghid illi ma kienx hemm xi sinjali kbar ta' problemi fiz-zwieg hlief xi sena qabel is-separazzjoni meta A (AA) kien izur dejjem inqas il-familja ta' B u meta kien fil-fatt izurhom kien ikun kwiet u b'burdati hziena. Meta sar jaf li kienu ser jisseparaw kien ghall-habta ta' Jannar 1999 u sar jaf ukoll li wahda mill-problemi kienet C.

Illi problema ohra kienet il-fatt li A (AA) kellu hafna xoghol u impenji ohra li kienu ta' tfixkil ghall-hajja tal-familja tant li B kienet thoss li hi u t-tfal kienu qed jigu traskurati.

Illi meta B kellha l-problemi f'ghajnejha bil-possibilta' li din kienet assocjata mal-*multiple sclerosis*, A (AA) mar il-Brazil biex jirraprezenta CLC. Dan kien gimghatejn biss wara li qamet il-problema ta' B u kien fazi fejn B kienet ghada qed tirkupra.

Illi 'n kontro-ezami x-xhud jghid li jiftakar illi meta Z kellu l-problemi A (AA) u B kienu jmorru flimkien jarawh l-isptar. Fid-*diagnosis* l-attegjament ta' l-attur kien ta' wiehed inkwetat u koncernat. Meta B kellha *loss of vision* A (AA) kien hemm waqt is-CT *Scan* u kien ukoll inkwetat.

Illi b'referenza ghall-affidavit ta' l-attur ix-xhud jghid illi hu ma kienx isawwat u jibbulija lil B minkejja l-*age gap* ta' sentejn li kien hemm bejniethom.

Illi fis-7 ta' Jannar 2003 il-konvenuta pprezentat fir-Registru tal-Qorti kopja ta' ittra mibghuta minn A (AA) lill-genituri ta' B u datata 2 ta' Lulju 1984 fejn l-attur spjega x'kien ihoss fil-konfronti ta' B, kemm kien ferhan maghha u kemm kellha rwol importanti f'hajtu.

## (II) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur talab illi z-zwieg bejn il-partijiet tat-30 ta' Settembru 1990 jigi dikjarat null u invalidu *ai termini* tal-**artikoli 19(1) (d), 19(1) (f) u 19(1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-konvenuta fin-nota tal-eccezzjonijiet u kontrotalba taghha talbet illi z-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null mhux ghal ragunijiet imputabbli lilha imma ghal ragunijiet imputabbli lill-attur.

Illi l-**artikolu 19 (1)** jaqra hekk:

"(*1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali*

*taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta' jew marida b'mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. "*

Illi l-**artikolu 19(1) (d)** jikkontempla sitwazzjoni fejn wahda mill-partijiet ma tkunx f'posizzjoni li taghti kunsens hieles jew ma tkunx f'posizzjoni li taqdi d-dmirijiet u obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja mizzewga. Rigward l-element ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kaz **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch nee Galea"** (P.A. 22 ta' Marzu 2002) gie ritenut li wiehed irid jezamina zewg elementi distinti imma interdipendenti u cioe` dawk li huma *il deliberato consenso* u *la piena avvertenza*. Skond ***Bersini*** dawn ifissru:-

*"La maturita di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* (***Bersini, F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p.97).

Illi fl-istess kaz inghad ukoll x'jammonta ghal difett dovut ghal anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli

ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Il-Qorti qalet:-

*"il-ligi taghna bhad-dritt kanoniku (**Canon 1095[3])** tirrikjedi mhux semplici diffikulta izda impossibilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-presenza ta' anomalija psikologika serja li indipendentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "di intendere e/o di volere""*

Illi rigward id-difett fil-kunsens minhabba l-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, wiehed irid jara dawn l-elementi x'inhuma u jekk kinux qeghdin jitwettqu jew jekk gewx eskluzi dakinhar taz-zwieg.

Illi bil-kunsens taghhom fiz-zwieg il-partijiet iridu joffru lill-xulxin:-

"*(a) the right to a community of life;*

*(b) the possibility of living this community of life;*

*(c) the right to the conjugal act;*

*(d) the other essential properties of marriage – unity, fidelity and indissolubility"* (***Bernard A. Siegle*** **"Marriage According to the New Code of Canon Law)**

Illi jekk wiehed mill-partijiet kien qed jeskludi wiehed minn dawn l-elementi essenzjali fil-mument tal-kunsens, iz-zwieg kien ikun null *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi l-**artikolu 19(1) (h)** jikkontempla sitwazzjoni li wahda mill-partijiet ma kelliex, fil-mument li tat il-kunsens dawk is-setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Huwa bizzejjed illi in-nuqqas ta'

setghat intelletwali jkun ghal mument temporanju u m'hemmx ghalfejn ikun ta' natura permanenti.

**(III) APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.**

Illi mill-provi prodotti l-attur jipprova jgieghel lil wiehed jifhem li l-konvenuta kienet kemm xejn oppressiva fil-konfront tieghu. Jidher li l-attur kien ihoss li l-attitudni tal-konvenuta lejh ma kinitx thallih liberu daqs kemm xtaq. Fil-fatt l-attur stess jghid li meta ritorna Malta mill-Germanja hass li r-relazzjoni tieghu ma' B kienet qed issir aktar oppressiva peress illi hi ma kienet thallih jaghmel xejn jekk hi ma kinitx tkun involuta wkoll.

Illi S omm l-attur tghid ukoll li fil-hajja mizzewga ta' binha bdiet tinnota li B kellha karattru possessiv fuq A u kollox kellu jsir kif tiddeciedi u tghid hi.

Illi 'n kontro-ezami T qal illi kien innota illi A (AA) kien qed ihossu ssikkat fiz-zwieg minhabba l-oggezzjonijiet kontinwi li kien qed isib minghand B.

Illi W xehdet ukoll li l-konvenuta kienet taghmel pressjoni fuq l-attur biex ikun aktar prezenti fil-familja.  A (AA) u B kellhom kuncetti diversi dwar x'kien jinvolvi z-zwieg.  B riedet zwieg tradizjonali filwaqt li A (AA) ried it-tip ta' hajja li kienet tintegra l-hajja matrimonjali ma' impenji ta' servizz ghas-socjeta`.

Illi Rev Y fl-affidavit tieghu jghid illi meta kien icempel lill-attur id-dar u kienet tirrispondi B kienet tirreagixxi billi tghidlu biex lil A (AA) ma jtiehx aktar xoghol peress li diga' kellu hafna *commitments*.

Illi pero` hawnhekk wiehed jinnota li anke' li kieku kien minnhu li l-konvenuta kellha karattru oppressiv mill-provi johrog li l-attur kien jaf b'dan il-fatt anke' qabel ma zzewweg u ghalhekk kien jaf ghal xiex kien diehel.  Barra minn hekk l-ebda minn dawn il-provi jwasslu ghall-konkluzzjoni li l-kunsens tal-konvenuta kien b'xi mod vizzjat dakinhar taz-zwieg taghha lill-attur.  Il-konvenuta

kienet taf ezattament x’kienet qed taghmel u tat il-kunsens taghha bil-volonta u l-konsapevolezza kollha taghha.

Illi rigward il-kunsens tal-attur wiehed irid jevalwa jekk l-attur kienx fi stat li jiehu d-decizjonijiet tieghu b’certa responsabilita` fil-mument li ta’ l-kunsens tieghu ghaz-zwieg. Mill-provi prodotti jidher illi l-attur tul hajtu ma kienx cert dwar jekk kellux jiehu l-ordni sagri inkella jizzewweg. Meta ghazel li jizzewweg xorta baqa b’konflitt intern.

Illi l-attur jghid illi l-genituri tieghu kienu kattolici ferventi u allura hu kellu trobbija religjuza stretta hafna. Missieru kien tal-ideja li persuna m’ghandix tibdel l-opinjoni taghha fuq xi haga u li jekk tibda taghmel xi haga ghandha tibqa’ kommessa fiha. Sa minn ckunitu kien jahseb illi kien imsejjah biex isir qassis. Meta beda jikber din il-vokazzjoni aktar bdiet ticcajpar u tohloq certu konflitt intern. Beda jitkellem dwar dan mal-familjari li xorta ghamlulu pressjoni biex ikompli f’din it-triq. Beda johrog ma’ B imma wara ftit telaqa’ minhabba l-possibilta` li kellu vokazzjoni religjuza. Ftit zmien qabel ma mar il-Germanja b’kumbinazzjoni A (AA) iltqagha ma’ B u ftehmu li waqt li jkun imseifer jibqghu jiktbu lil xulxin. Fl-istess hin A (AA) kien ghadu bid-dilemma li seta telaq il-vokazzjoni tieghu minhabba c-cirkostanzi.

Illi rigward il-kunsens ta’ l-attur dakinhar taz-zwieg, l-attur stess jghid *“niftakar qisu l-bierah li ftit mumenti qabel bdiet il-quddiesa kien xaqq l-gharaq ghalija u hassejt “feeling” intens li nitlaq il-barra imma razzant kollox ghax immaginajt li dawn il-hsiebijiet huma normali qabel ma wiehed jizzewweg.”* Waqt il-*honeymoon* A (AA) kien jahseb li ahjar ma joqghodx jiddispjacih ghalih innifsu ghax ma kienx hemm x’jaghmel biex johrog mis-sitwazzjoni u kien jitlob li kollox imur sew bejniethom.
Illi l-attur qal ukoll li: *“jien nammetti li minn dejjem kelli dubju dwar jekk B kinitx il-persuna kompatibbli mieghi u nammetti wkoll li kelli turmoil ta’ vokazzjoni religjuza.”*

Illi W xehdet illi l-attur kellu certa biza` minn missieru u dan wassal biex l-attur ma setghax jizviluppa identita` awtonoma. Wahda mill-problemi kienet illi A (AA) kiber

f'ambjent fejn ma kienx accettabbli li wiehed jibdel l-opinjoni tieghu fuq xi haga. Kellu pressjoni kbira biex jiehu l-ordni sagri, il-konflitt baqa' prezenti go fih anke' meta beda jiffrekwenta t-tfajliet u eventwalment izzewweg. Ix-xhud tghid *"I have interpreted the situation as being a continuation of the priest/lay person conflict and that this was a delayed post-adolescent missed adolescent rebellion."*

Illi minn dan kollu jirrizulta li din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet peritali meta dan kkonkluda li *"jidher illi l-attur ma kellhux dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju necessarja sabiex jaghti kunsens validu, definittiv u hieles. Il-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju "supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly*." (**"Joanna Gera vs. John Vella"** (P.A. (RCP) 31 ta' Ottubru 2002 – Citaz. Numru2305/00 RCP).

Illi element importanti iehor taht l-**artikolu 19(1) (d)** hu dak tal-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Fil-kaz **"Kevin Spiteri vs. Av. Dr. Renzo Porsella Flores et. noe"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000 – Citaz. Nru.2443/97) din il-Qorti qalet li *"kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255,** dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union as bodily union and basis for procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual wellbeing, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause,*

*incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*. (***Viladrich, P.J.* Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993) p.687)"

Illi mill-provi prodotti jidher li l-attur aktar hass il-bzonn li jkun ta' servizz ghas-socjeta` minghajr ma ta kaz il-fatt li meta izzewweg kien accetta impenn li jiehu hsieb il-familja li kien qed jifforma. Fil-fatt l-impenn familjari ma zammux u hu aktar u aktar beda jqatta' hin barra mid-dar bl-impenji tal-*Christian Life Community* (CLC) milli ha hsieb l-impenji li kellu bhala ragel tal-familja.

Illi l-konvenuta fl-affidavit taghha qalet li meta zzewgu, l-attur baqa' jattendi u jippartecipa f'attivitajiet religjuzi tant li ftit li xejn kien ikollu hin ghal martu u z-zewg uliedu. Fil-fatt darba minnhom A (AA) ipprezenta lil B b' *time-table* ghal meta jkun jista' jqatta' l-hin mal-familja li bazikament kien sa jkun ghal hin ta' saghtejn wara nofsinhar nhar ta' sibt.

Illi B kienet thoss li A (AA) kien jaghti aktar importanza lil CLC milli lill-familja tieghu u meta sar President ta' din l-ghaqda, inqas kellu hin ghall-familja. Kien ukoll jikkomunika hafna ahjar mal-membri tal-grupp u b'mod specjali ma' C li maghha kien jidher li kellu relazzjoni specjali.

Illi f'Gunju 1998, B ma bdietx tara sewwa minn ghajn wahda u giet rikoverata l-isptar fejn qalulha li kien hemm possibilta` li kellha *Multiple Sclerosis*. Dakinhar li dahhlet l-isptar A (AA) mar laqgha filghaxija u ftit gimghat wara mar gimghatejn il-Brazil ghal-kungress tas-CLC minghajr ma ra jekk B kinitx fizikament tiflah tiehu hsieb il-familja. Mar-ritorn tieghu B sabet ukoll kopji ta' *faxes* li kien baghat lil C fejn qalilha li l-esperjenza kienet tkun wahda perfetta li kieku hi kienet mieghu.

Illi anke' xi hbieb fosthom N u P kienu inkwetati fuq il-hbiberija li kien hemm bejn A (AA) u C u ghalkemm ppruvaw ikellmu lil A (AA) fuq dan izda hu kien qisu inghalaq fih innifsu.

Illi meta B kienet tipprova tkellem lil A (AA) fuq is-sitwazzjoni ta' bejniethom hu kien jghidilha biex ma tkellmux fuq hekk inkella kien johrog mid-dar.

Illi O tghid li hi kellha tghin lil B bit-trabi peress illi A (AA) kien okkupat jaghmel *evening course* ghal BA f' *Religious Studies*. B kienet tkun wahedha tiehu hsieb it-tfal ta' sikwit aktar u aktar meta A (AA) sar il-President tas-CLC. B kienet imdejqa bis-sitwazzjoni u anke' l-attitudni ta' A (AA) bdiet tinbidel.

Illi meta f'Lulju 1996 O kienet kisret l-ghaksa u ma setghetx tiehu hsieb lin-neputijiet, A (AA) kien issuggerixxa li C kienet lesta li tghina tiehu hsieb it-tfal. Din kienet l-unika darba li O iltaqghet ma' C.

Illi x-xhieda l-ohra fosthom Fr. Q, N u P, D, G, H, I u J, K u L xehdu dwar il-fatt li l-attur zamm hafna impenji religjuzi mas-CLC liema impenji baqghu jizdiedu tant li ftit kellu hin ghall-familja tieghu u ghalhekk spiss il-konvenuta kien ikollha tiehu hsieb it-tfal wahidha. Meta kien hemm il-problemi renali ta' Z ma kinitx thoss li zewgha kien ta' support ghaliha u meta hi kellha l-problema ta' *loss of vision* hu xorta wahda telaq ghal gimghatejn fil-Brazil. Kien hemm ukoll il-problema li l-attur kellu certa hbiberija ma' C liema hbiberija kienet kagun ta' hafna inkwiet ghall-konvenuta u fil-fatt illum il-gurnata l-attur u C ghandhom relazzjoni bejniethom.

Illi D tghid ukoll li darba hi u l-attur iltaqghu ghal kafe' biex jitkellmu fuq il-problemi li kien hemm bejnu u B. Il-messagg kien li kellu problemi kbar peress li ma kienx ghadu jhobb lil B u kien qed ihoss li hu qatt ma habbha anke' meta zzewweg.

Illi M hu l-konvenuta jghid li problema ohra kienet il-fatt li A (AA) kellu hafna xoghol u impenji ohra li kienu ta' tfixkil ghall-hajja tal-familja tant li B kienet thoss li hi u t-tfal kienu qed jigu traskurati. Meta B kellha l-problemi f'ghajnejha bil-possibilta' li din kienet assocjata mal-

*multiple sclerosis*, A (AA) mar il-Brazil biex jirraprezenta l-CLC.

Illi mill-provi prodotti jidher li ghalkemm il-kunsens tal-konvenuta ma kienx vizzjat minn l-ebda difett, wiehed ma jistax jghid l-istess fuq il-kunsens tal-attur li jidher li qatt ma kellu c-certezza li z-zwieg kien dak li verament xtaq, la fil-mument li ta l-kunsens tieghu u wisq inqas fil-mod li kien qed jghix hajtu bhala ragel mizzewweg.

Illi ghalhekk, l-Qorti thoss li mill-provi prodotti f'din il-kawza irrizulta li l-kunsens ta' l-attur kien affett b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet essenzjali taghha u ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u minghajr effett ghal ragunijiet imputabbli lill-attur u dan *a tenur* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi ghal dak li jikkoncerna ic-citazzjoni attrici, fil-waqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta fis-sens li d-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg hija imputabbli lill-attur, **tilqa` t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-30 ta' Settembru, 1990, huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi *a tenur* ta' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur.

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici kontra l-istess attur.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-**kontro-talba tal-konvenuta,** ghal istess motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzonijiet tal-attur ghal istess kontro-talba inkantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-30 ta' Settembru, 1990, huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi *a tenur* ta' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur.

Bl-ispejjez ta' l-istess kontro-talba kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------